MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 155/2013

**Arthur Douglas Turner ( 49665M) u martu Dr Doreen Turner Bilocca 9ID 342069(M)**

**vs**

**Clinica del Benessere Limited (C-24405) u Regenera Malta limited (C-23484)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar 1-24 ta' Mejju 2013 fejn l-atturi talbu lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuti ihallasuhom s-somma ta' sitt elef, erba mija u disghin Ewro (€6,490) rapprezentanti servizz ta' awditjar, accounts u konsulenzi li saru a beneficcju taghhom, liema hlas gie rikonoxxjut u mwieghed minnhom permezz ta' skrittura tal 4 ta' awissu 2011.

Bl-ispejjez, inkluz il-Mandat ta' Qbid, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuti li rappresentant taghhom huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta konvenuti fl-14 ta' Gunju 2013.

Illi fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2013 l-atturi pprezentaw kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuti.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru, 2013, l-ewwel seduta wara il-ferjat, rappresentant tas-socjeta konvenuti gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Rat illi ghalhekk il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghalllum stess.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, erba mija u disghin Ewro (€6,490) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------